

Brussell, 18 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

9581/25
COR 1

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0448 (COD)

VETER 62
AGRI 235
AGRILEG 87
CODEC 715

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/97 u jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 - <i>Rapport ta' progress</i>

Fid-dokument 9581/25, fil-paġna 4, il-paragrafu 7 għandu jaqra kif ġej (noti f'qiegħ il-paġna kkoreġuti):

- "7. Abbażi tal-eżami tal-proposta mill-Grupp ta' Ħidma u tal-kummenti bil-miktub li waslu, il-Presidenza Pollakka:
- ippreżentat suġġerimenti ta' abbozzar fir-rigward tal-Kapitolu VI (*Kundizzjonijiet għat-trasport ta' annimali terrestri*) u l-Kapitolu V korrispondenti tal-Anness I (*Il-ħinijiet tal-vjaġġ, it-temperaturi, il-perjodi ta' mistrieħ u l-intervalli tax-xorb u tal-għalf*)¹⁰ għad-diskussjoni mill-Grupp ta' Ħidma fil-5-6 ta' Frar, segwiti minn suġġerimenti ta' abbozzar riveduti ulterjorment¹¹¹², għal diskussjoni mill-Grupp ta' Ħidma fit-2-3 ta' April u l-4-5 ta' Ġunju. Il-Presidenza għażlet dawn iż-żewġ Kapitoli bħala l-fokus primarju tagħha minħabba għadd ta' oqsma indirizzati fihom li l-Presidenza identifikat bħala kruċjali.

¹⁰ 5652/25 u 5651/25.

¹¹ 7372/25.

¹² 5651/1/25 REV 1.

- ħejjiet suġġerimenti ta' abbozzar dwar il-Kapitolu II ("Awtorizzazzjonijiet tal-organizzaturi u tat-trasportaturi") u Anness Va ġdid ("Pjan ta' kontinġenza") u ppreżentahom għal diskussjoni mill-Grupp ta' Ħidma fit-2-3 ta' April; u suġġerimenti ta' abbozzar riveduti ulterjorment għal diskussjoni mill-Grupp ta' Ħidma fl-4-5 ta' Ġunju; b'segwitu għall-ħidma taħt il-Presidenza Ungeriża, ħejjiet u ppreżentat suġġerimenti ta' abbozzar ulterjuri rigward il-Kapitolu V ("Obbligi matul it-trasport u fil-post tad-destinazzjoni")¹³ għal diskussjoni mill-Grupp ta' Ħidma fil-5-6 ta' Frar,
- biex tipprovdi materjal għall-ħidma futura taħt il-Presidenza li jmiss, stiednet lid-delegazzjonijiet jippreżentaw kummenti bil-miktub u suġġerimenti ta' abbozzar dwar il-Kapitoli III ("Mezzi ta' trasport") u IV ("Obbligi qabel it-tluq") u l-Kapitolu I tal-Anness I ("Idoneità għat-trasport").

¹³ 14743/2/24 REV 2.